# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru 30**

**Cit. Nru. 2611/2000 GCD**

**Aplan Limited**

**Vs**

**Mark Rizzo**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut ordna merkanzija, ossia tmien (8) *air conditioning units* tal-marka *"Siemens"* minghand is-socjeta` attrici, liema merkanzija giet debitament ikkonsenjata lilu mill-istess socjeta` attrici;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut mill-konvenut ghal din il-merkanzija jammonta ghal tlett elef, mija u tmenin lira Maltin (Lm3,180.00);

Illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma indikata ta' tlett elef, mija u tmenin lira Maltin (Lm3,180.00);

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jissalda dan id-debitu, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut, ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta` attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni, u fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, mija u tmenin lira Maltin (Lm3,180.00);

2. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija, u bl-ispejjez legali kollha, komprizi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru ipprezentati kontestwament mac-citazzjoni, kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Philip Cascun u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm